MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 741/2014

**Dr. Ann Fenech ghan-nom u in rapprezentanza**

**tal-bank esteru Bank of America N.A.**

**vs**

**Il-bastiment MV D Ladybug**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Ann Fenech nomine tas-27 ta’ Awwissu 2014 li jghid hekk:

Illi l-bank rikorrenti, Bank of America N.A. huwa kreditur tal-bastiment intimat fl-ammont globali ta' biljun, seba' mija u disgha u hamsin miljun, sitt mija u wiehed u disghin elf, mija u hamsin New Taiwanese Dollars (NTD1,759,691,150) equivalent ghas-sornma ta' tnejn u erbghin miljun, tlett mija u ghoxrin elf, sitt mija u tnax-il ewro u tmien centezmu

(€42,320,612.08) salv spejjez u l-imghaxijiet legali li jistghu jaqaw dovuti sad-data effettiv tal-pagament.

Illi dan il-kreditu huwa naxxenti in segwitu ta':

A. L-ITTRA UFFICJALI NUMRU 520/14

1. Permezz ta' ittra ufficjali numru 520/14 ipprezentata minn Dr. Ann Fenech, detentrici tal-karta tal-identita numru 28763(M) bhala mandatarja ghan-nom u in rapprezentanza tal-bank esteru Cathay United Bank, registrat gewwa t-Tajwan, Repubblika tac-Cina, f'isimha proprio kif ukoll f'isem is-segwenti banek Tajwanizi, Agricultural Bank of Taiwan, JihSun International Commercial Bank, King's Town Bank, Entie Commercial Bank, Union Bank of Taiwan, Bank of Kaohsiung u Bank of Panhsin fejn qabel xejn ghamlet referenza ghas-segwenti:

a. Facility Agreement datat 3 ta' Jannar 2012, li permezz tieghu l-fuq imsemmija banek inkluz Cathay Bank selfu lis-socjeta debitrici New Flagship Investment Co Ltd is-somma ta' biljun u tmien mitt miljun New Taiwanese Dollars (NTD1,800,000,000) ghall-akkwist tal-bastiment intimat u li permezz tieghu s-socjeta intimata D Ladybug Corporation, u cioe s-sid il-bastiment intimat, kif ukoll Mr. Hsin Chi Su, obbligaw ruhhom bhala garanti ghall ammont totali li gie misluf lid-debitrici. Illi skond id-dispozizzjoni ta' dan il-ftehim, il-banek selliefa appuntaw lil Cathay United Bank bhala l-agent taghhom sabiex jirrapprezentaw l-interessi kollha tal-istess banek fir-rigward dan is-self.

b. General Assignment datat 3 ta' Jannar 2012 li pennezz taghha s-socjeta estera New Flagship Investment Co. Ltd. kif ukoll is-sid tal-bastiment intimat, D Ladybug Corporation obbligaw ruhhom li fin-nuqqas tal-hlas tal-pagamenti dovuti taht l-imsemmi Facility Agreement, jigu assenjati diversi drittijiet li jistghu jkollhom, inkluz d-dritt li jircievu pagamenti, hlasijiet u flejjes taht kwalunkwe Charterparty.

c. Guarantee Agreement datat 3 ta' Jannar 2012 li permezz tieghu s-sid tal-bastiment intimat, u cioe s-socjeta intimata D Ladybug Corporation, obbligat ruhha bhala garanti ghall-obbligi kollha tas-socjeta debitrici, New Flagship Investment Co Ltd., taht il-Facility Agreement datat 3 ta' Jannar 2012.

d. Promissory Note, datat 3 ta' Jannar 2012 li permezz taghha New Flagship Investment Co Ltd., D Ladybug Corporation u Mr. Hsin Chi Su in solidum u bla kondizzjonijiet obbligaw

ruhhom sabiex ihallsu lil bank mittenti s-somma ta' biljun u tmien mitt miljun New Taiwanese Dollars (NTD1,800,000,000) flimkien ma' interessi li jistghu jakkumulaw.

e. Note Authorization datat 3 ta' Jannar 2012 li permezz taghha New Flagship Investment Co Ltd., D Ladybug Corporation u Mr. Hsin Chi Su awtorizzaw lill-bank mittenti sabiex jista' jenforza l-Promissory Note immedjatament wara Event ta' Default.

f. Transfer Certificate datat 3 ta' Jannar 2012 li kien mahrug minn Cathay United Bank f'isimha proprio a favur il-bank Bank of Panhsin ai termini ta' Klawzola 22.5 (Procedure for Transfer) tal-Facility Agreement. Permezz ta' dan il-ftehim il-partijiet ftehmu illi parti mill-obbligi u d-drittijiet ta' Cathay United Bank kellhom jigu trasferiti lil Bank of Panhsin.

g. First Preferred Panamanian Ship Mortgage, ossia ipoteka navali, fuq il-bastiment intimat D Ladybug (IMO Numru 9472206) datata 3 ta' Jannar 2012 u rregistrat fir-registru navali ta' Panama fid-29 ta' Frar 2012 fl-ammont ta' zewg biljun u mija u sittin miljun New Taiwanese Dollars (NTD2,160,000,000) a favur l-bank mittenti Cathay United Bank, u dan in kawtela tal-obbligi naxxenti mill-kuntratti fuq imsemmi.

h. Certificate of Ownership and Encumbrances datat 18 ta' Frar 2014 mahrug mir-registru tal-bastimenti merkantili ta' Panama) li juri b'mod car illi l-istess ipoteka navali ghadha sallum irregistrata fuq il-bastiment intimat D Ladybug.

i. Parir Legali datata 19 ta' Frar 2014 mahrug mid-ditta tal-avukati ta' Alemȧn, Cordero, Galindo & Lee gewwa l-Panama, liema parir legali jikkonfenna illi l-ipoteka navali registrata fuq il-bastiment intimat fir-registru tal-bastimenti merkantili tal-Panama tissodisfa r-rekwiziti kollha elenkati f'artikolu 49 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe illi:

(a) L-ipoteka navali hija validament registrata fir-registru tal-Bastimenti Merkantili tal-Panama;

(b) Ir-registru tal-Bastimenti Merkantili tal-Panama huwa registru publiku;

(c) Li l-ipoteka navali tidher u hija evidenti meta wiehed jaghmel search f'dan ir-registru;

(d) Li l-ipoteka navali tinghata status privileggjat taht il-Ligi ta' Panama u hija b'mod generali ekwivalenti fi status ghal-mortgage registrat fir-registru tal-bastimenti merkantili Maltin.

Ghalhekk ai termini tal-istess artikolu 49, din l-ipoteka navali registrata fir-registru tal-bastimenti Merkantili ta' Panama ghandha l-istess drittijiet u poteri daqs li kieku kienet

ipoteka navali registrata taht l-Att dwar il-Bastimenti Mekantili, Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tista' tigi enforzata bl-istess mod bhal kwalunkwe titolu ezekuttiv iehor.

Peress illi s-somma massima garantita permezz tal-mortgage (NTD2,160,000,000) tissemma espressament fl-instrument li johloq il-garanzija (u cioe l-fuq imsemmija ipoteka navali) u peress illi din ic-cifra hija registrata fir-registru pubbliku tal-bastimenti gewwa l-Panama, din l-ipoteka navali tissodisfa ir-rekwiziti taht artikolu 42(2) ta' Kap. 234 ta' Ligijiet ta' Malta u ghalhekk din l-ipoteka navali ghandha titqies bhala titolu ezekuttiv ghall-finijiet tal-artikolu 253 et seq. tal-Kodici dwar l-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Peress illi New Flagship Investment Co Ltd, id-debitrici taht l-imsemmi Facility Agreement ma hallsitx l-pagamenti kollha dovuti minnha skond l-imsemmi ftehim u ghaldaqstant tezisti wahda mill-"Events of Default" ai termini ta' Klawzola 21 tal-istess ftehim, u specifikament Klawzola 21.2 (Non-Payment).

Illi b'ittra datata 4 ta' April 2013, is-socjeta New Flagship Investment Co Ltd giet formalment notifikata minghand il-bank mittenti permezz ta' Notice of Default illi kien hemm inadempjenza taht il-fuq imsemmija kuntratti u li ghalhekk kellha tithallas is-somma principali ta' NTD1,644,909,760 flimkien mas-sommom ta' NTD13,488,740 u NTD801,199 rapprezentanti l-ammonti ta' interessi dovuti sa dik il-gurnata kif ukoll s-somma ta' NTD600,000 bhala spejjez ohra dovuti taht il-Facility Agreement datat 3 ta' Frar 2012.

Illi nonostante li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti dovuti minnha, s-socjeta debitrici New Flagship Investment Co Ltd baqghet inadempjenti sallum.

Illi b'ittra datata 16 ta' Mejju 2013, il-garanti D Ladybug Corporation giet formalment notifikata minghand il-bank mittenti permezz ta' Notice of Demand under Guarantee mibghuta ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-fuq imsemmija Facility Agreement u l-Guarantee Agreement illi kien hemm inadempjenza u li ghalhekk l-istess garanti kellu immedjatament ihallas l-ammont dovuti lil banek s-somma globali ta' NTD1,673,180,615, rapprezentanti l-ammont principali kif ukoll l-interessi kollha dovuti sa dik il-gumata.

Illi nonostante li ntbaghtet din l-ittra formali lis-sid tal-bastiment, D Ladybug Corporation, dan l-ammont pendenti baqa' sallum dovut ghaliex l-istess sid tal-bastiment intimat baqa' inadempjenti.

Il-bank mittenti kien ghalhekk intitolat li jesigi l-hlas tal-ammonti u spejjez inkorsi in konnessjoni mal-kuntratt imsemmija, liema ammont globali ai terminu tal-Facility Agreement,

Guarantee Agreement u l-First Preferred Panamanian Ship Mortgage sal-21 ta' Frar 2014 jammonta ghall-biljun, seba' mija u disgha u hamsin miljun, sitt mija u wiehed u disghin elf, mija u hamsin New Taiwanese Dollars (NTD1,759,691,150) equivalent ghas-somma ta' tnejn u erbghin miljun, tlett mija u ghoxrin elf, sitt mija u tnax-il ewro u tmien centezmu (€42,320,612.08) salvi spejjez u imghaxijiet ulterjuri fuq il-kapital sal-pagament effettiv, eskluzi ukoll spejjez ohra taht il-mortgage, interessi u spejjez legali relattivi.

2. Illi ghalhekk fil-21 ta' Frar 2014, l-bank mittenti pprezenta ittra ufficjali b'numru 520/14 kontra l-bastiment MV D Ladybug u s-sid tieghu sabiex il-'mortgage' ossia ipoteka navali, ssir ezegwibbli ai termini tal-artikolu 253 et sequitur ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz ta' din l-imsemmija ittra ufficjali l-bank mittenti talab il-hlas ta' biljun, seba' mija u disgha u hamsin miljun, sitt mija u wiehed u disghin elf, mija u hamsin New Taiwanese Dollars (NTD1,759,691,150) equivalent ghas-somma ta' tnejn u erbghin miljun, tlett mija u ghoxrin elf, sitt mija u tnax-il ewro u tmien centezmu (€42,320,612.08) oltre l-imghaxijiet ulterjuri u spejjez ohra dovuti skond il- fuq imsemmija kuntratti u ftehim fi zmien jumejn (2) minghand l-istess bastiment intimat u s-sid tieghu.

3. Illi l-imsemmija ittra ufficjali giet debitament innotifikata lill-bastiment intimat fil-25 ta' Frar 2014, u dan kif jidher mill-kopja tal-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija u r-riferta rispettiva li qedghin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dokument A2.

4. Dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut in forza tal-fuq imsemmija kuntratti.

5. Illi skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija saret ezegwibbli bhala att ezekuttiv.

6. Illi nonostante n-notifiki tal-fuq imsemmija ittri ufficjali, D Ladybug Corporation (is-sid tal-bastiment MV D Ladybug) baqa' inadempjenti u ghalhekk skond il-ligi l-ipoteka navali fuq il-bastiment MV D Ladybug rregistrata favur il-bank mittenti liema ipoteka navali kif gja ntqal hawn fuq hija titolu ezekuttiv li issa gie rezi ezegwibbli ai termini tal-artikolu 253 et seq. tal-Kap. 12.

7. Il-bastiment MV D Ladybug jinsab ghalhekk maqbud f'din il-gurisdizzjoni gewwa Bunkering Area 3 kif jirrizulta mir-riferta tal-marixxal hawn anessa u mmarkata 'Dokument A2'.

B. CESSJONI TA' DRITTIJIET FAVUR IL-BANK RIKORRENTI BANK OF AMERICA N.A.

Illi l-bank rikorrenti Bank of America NA gie assenjat id-drittijiet kollha tal-bank esteru Cathay United Bank, registrat gewwa it-Tajwan, Repubblika tac-Cina, f'ismu proprio kif ukoll f'isem is-segwenti banek Tajwanizi, Agricultural Bank of Taiwan, JihSun International Commercial Bank, King's Town Bank, Entie Commercial Bank, Union Bank of Taiwan, Bank of Kaohsiung u Bank of Panhsin fir-rigward tal-kreditu dovut mill-bastiment MV D Ladybug (IMO Numru 9472206) u mis-sidien tieghu D Ladybug Corporation, u dan in vista tas-segwenti dokumenti:

1. Deed of Transfer Certificate datat 25 ta' April 2014 li permezz tieghu d-drittijiet kollha taht il-Facility Agreement datat 3 ta' Jannar 2012 kif ukoll dawk taht il-Finance Documents relattivi gew trasferiti mill-bank esteru Cathay United Bank, f'ismu proprio kif ukoll f'isem il-fuq msemmija banek esteri, a favur il-bank mittenti Bank of America N.A., u liema trasferiment sar effettiv mill-5 ta' Mejju 2014. Kopja ta' dan ic-certikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. AF2 anness ma' Dokument A3.

2. Notice of Assignment to Owner datat 5 ta' Mejju 2014 li permezz tieghu s-socjeta estera D Ladybug Corporation giet avvzata bil-imsemmi transferiment. Kopja ta' dan id-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. AF3 anness ma' Dokument A3.

3. Parir Legali datat 17 ta' Gunju 2014 mahrug mill-avukat Ciniz T.Y. Lee (K.I. Ciniza numru E101882350) li jikkonferma illi l-istess cessjoni favur l-bank mittenti, Bank of America N.A., hija valida skond il-Ligi tar-Repubblika ta' Cina (li hija l-Ligi applikabbli skond l-istess Facility Agreement datat 3 ta' Jannar 2012). Kopja ta' dan il-parir legali hawn anness u mmarkat bhala Dok. AF4 anness ma' Dokument A3.

4. Deed of Transfer relating to a First Preferred Panamanian Ship Mortgage over M.V. D Ladybug datat 25 ta' April 2014 li permezz tieghu l-bank esteru Cathay United Bank, f'ismu proprio kif ukoll f'isem il-fuq msemmija banek esteri, assenja u ttransferixxa d-drittijiet kollha tieghu taht l-ipoteka navali datata 3 ta' Jannar 2012 u li giet irregistrata fir-registru navali ta' Panama fid-29 ta' Frar 2012 fuq il-bastiment MV D Ladybug (IMO Numru 9472206), u liema ftehim sar effettiv mill-5 ta' Mejju 2014. Kopja ta' dan il-ftehim hawn anness u mmarkat bhala Dok. AF5 anness ma' Dokument A3.

5. Certifikat mahrug mir-registru tal-bastimenti merkantili gewwa l-Panama li jikkonfenna illi l-ipoteka navali rregistrata fir-registru navali ta' Panama fit- 29 ta' Frar 2012 fuq il-bastiment MV D Ladybug (IMO Nurruu 9472206) issa qeghda rregistrata a favur il-bank mittenti u ghaldaqstant l-istess certifikat jikkonferma illi sehh it-transferiment. Kopja ta' dan ic-certifikat flimkien ma' traduzzjoni mahlufa hawn anness u mmarkat bhala Dok. AF6 anness ma' Dokument A3.

6. Parir Legali datat 9 ta' Gunju 2014 mahrug mid-ditta tal-avukati Arias B & Associates gewwa l-Panama li jikkonferma l-istess cessjoni u transferiment tal-ipoteka navali hija valida skond il-Ligi tal-Panama (li hija l-Ligi applikabbli li tirregola l-istess ipoteka navali). Inoltre, dan il-parir legali jikkonferma ukoll illi taht il-Ligi ta' Panama kull dritt, jedd, privilegg jew titolu ezekuttiv li kellu l-bank esteru Cathay United Bank, f'ismu proprio kif ukoll f'isem il-fuq msemmija banek esteri, fir-rigward il-bastiment MV D Ladybug (IMO Numru 9472206) issa gew legalment assenjati u trasferiti a favur il-bank mittenti, u cioe Bank of America N.A.. Kopja ta' dan il-parir legali hawn anness u mmarkat bhala Dok. AF7 anness ma' Dokument A3.

Ghaldaqstant il-bank rikorrenti gie assenjat d-drittijiet tal-bank estern Cathay United Bank, f'ismu proprio kif ukoll fisem il-fuq imsemmija banek esteri fir-rigward tal-Facility Agreement datat 3 ta' Jannar 2012 kif ukoll dawk taht il-Finance Documents relattivi, l-ipoteka navali rregistrata fuq il-bastiment MV D Ladybug (IMO Numru 9472206) kif ukoll konsegwentament il-kreditu ezekuttiv tieghu naxxenti mill-ittra ufficjali numru 540/2014 ipprezentat fil-21 ta' Frar 2014 u li giet innotifikata lill-bastiment MV D Ladybug (IMO Numru 9472206) u accettat mill-kaptan tal-istess bastiment fil-25 ta' Frar 2014, u b'dan illi n-notifika saret skond ir-rekwiziti tal-Ligi ai termini ta' artikolu 42(5) ta' Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghal kull buon fini, fit-22 ta' Lulju 2014, ir-rikorrenti nomine pprezentat ittra ufficjali numru 2284/14 kontra kuraturi deputati ghas-socjeta assenti D Ladybug Corporation, registrata gewwa l-Panama u l-Proprjetarja tal-bastiment MV D Ladybug (IMO 9472206) sabiex is-socjeta debitrici D Ladybug Corporation tigi formalment avvzata dwar ic-cessjoni ta' drittijiet u dan a tenur u ghall-fini tal-artikolu 1471 et seq. tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-imsemmija ittra ufficjali giet debitament innotifikata lill-kuraturi deputati appuntati b'digriet tal-22 ta' Lulju 2014, Dr. Alessandro Lia u PL Gerald Bonella fil-23 ta' Lulju 2014 u filt-24 ta' Lulju 2014 rispettivament, u dan kif jidher mill-kopja tal-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija u r-riferta rispettiva li qedghin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dokument A3.

Illi in vista ta' suespost, il-bank rikorrenti Bank of America N.A. huwa intitolat sabiex jenforza l-ipoteka navali kif gja ntqal hawn fuq hija titolu ezekuttiv li issa gie rezi ezegwibbli ai termini tal-artikolu 253 et seq. tal-Kap. 12 u dan permezz tad-dokumenti u ittri ufficjali l-fuq msemmija.

Inoltre, il-bank rikorrenti Bank of America N.A. huwa ghalhekk intitolat li jesigi l-hlas ta' biljun, seba' mija u disgha u hamsin miljun, sitt mija u wiehed u disghin elf, mija u hamsin New Taiwanese Dollars (NTD1,759,691,150) equivalent ghas-somma ta' tnejn u erbghin miljun,

tlett mija u ghoxrin elf, sitt mija u tnax-il ewro u tmien centezmu (€42,320,612.08) oltre l-imghaxijiet ulterjuri u spejjez ohra dovuti skond il-fuq imsemmija kuntratti u ftehim.

C. BEJGH APPROVAT MILL-QORTI TAL-BASTIMENT INTIMAT

Illi in vista tal-fatt li sallum ma sar ebda hlas favur l-bank rikorrenti, u peress illi wara diversi tentattivi sabiex jsibu xerrejj li huwa interessat jixtri l-bastiment intimat, l-bank rikorrenti rnexxilu jsib xerrejj li huwa lest jixtri l-istess bastiment ghall-prezz determinat, l-istess rikorrent issa jixtieq jenforza t-titolu ezekuttiv li ghandu permezz tal-bejgh tal-istess bastiment D Ladybug, approvat mill-Qorti ai termini ta' artikoli 358 sa 364 ta' Taqsima 1, Titolu VII sub-titolu V tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili "Fuq il-bejgh approvat mill-Qorti ghall-vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru":

A. Illi ai termini ta' artikolu 358 din l-Onorabbli Qorti fuq rikors ta' kreditur b'titolu ezekuttiv, ghandha s-setgha tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur xerrejj identifikat u bil-hlas ta' prezz determinat.

Illi ai termini ta' artikolu 359 ir-rikorrenti noe qeda tipprezenta ma' dan l-istess rikors, zewg stimi kif mitluba mill-ligi ta' zewg stimaturi indipendenti u ta' fama internazzjonali liema stimi jindikaw li l-valur fuq is-suq prezenti u attwali tal-bastiment D Ladybug fil-kundizzjoni li jinsab fiha il-bastiment, huwa ta' erbgha u hamsin miljun dollaru Amerikan (US$54,000,000) ekwivalenti ghas-somma ta' erbghin miljun, sitt mija u hamsin elf, erbgha mija u sitt ewro u hamsin centezmu (€40,650,406.50). Illi z-zewg stimaturi huma:

i) l-Ing. Paul Cardona u l-Ing Karl Briffa - li taw stima ta' erbgha u hamsin miljun dollaru Amerikan (US$54,000,000) ekwivalenti ghas-somma ta' erbghin miljun, sitt mija u hamsin elf, erbgha mija u sitt ewro u hamsin centezmu (€40,650,406.50). Kopja annessa u mmarkata bhala Dokument A4;

U

ii) Is-socjeta rinomata Bancosta (Oriente) PTE LTD li ukoll tat stima ta' erbgha u hamsin miljun dollaru Amerikan (US$54,000,000) ekwivalenti ghas-somma ta' erbghin miljun, sitt mija u hamsin elf, erbgha mija u sitt ewro u hamsin centezmu (€40,650,406.50). Kopja annessa u mmarkata bhala Dokument A5.

B. Illi l-bank rikorrent irnexxielu nonostante s-suq limitat hafna ta' bastimenti second hand ta' dan it-tip ta' bastiment (u cioe pure car/truck carrier) kif ukoll ta' dan il-kobor, issib xerrejj li hu ppreparat ihallas is-somma ta' wiehed u erbghin miljun, sitta u disghin elf, disgha mija u erbatax-il ewro (€41,096,914) ekwivalenti skond ir-rata ta' kambju applikabli tat-18 ta'

Awwissu 2014 ghas-somma ta' hamsa u hamsin miljun dollaru Amerikan (US$55,000,000) u cioe miljun dollaru Amerikan (US$1,000,000) il-fuq mill-oghla stima.

Illi f'dan ir-rigward jinghad ukoll illi qed jigi ipprezentat ukoll affidavit ta' David Sbarro, Managing Director tal-Global Credit and Special Situations Group ta' Merrill Lynch (Asia Pacific) Ltd (hawn aness bhala Dokument AF6), li permezz tieghu qed jigi spjegat car kif il-bank rikorrenti avvicina lil diversi xerrejja prospettivi li jista' jkunu interessati f'dan il-bejgh u kif l-offerta' li giet accettata kienet l-ahjar wahda u ghalhekk qed jigi sottomess li l-prezz ta' wiehed u erbghin miljun, sitta u disghin elf, disgha mija u erbatax-il ewro (€41,096,914) huwa ragonevoli ferm fic-cirkostanzi tal-kaz kif ukoll fl-interess tal-kredituri kollha.

C. Ghalhekk fid-19 ta' Awwissu 2014 intlahaq ftehim preliminari u cioe Memorandum of Agreement, bejn il-bank Bank of America N.A., kif ukoll is-socjeta estera White Tulip Shipping S.A. (li hija nkorporata gewwa l-Panama), fejn ai termini ta' Klawzola 4.1 is-socjeta White Tulip Shipping S.A. ikkonfermat li hija lesta tixtri l-bastiment ghas-somma ta' wiehed u erbghin miljun, sitta u disghin elf, disgha mija u erbatax-il ewro (€41,096,914) ekwivalenti skond ir-rata ta' kambju applikabli (u accettata mill-partijiet) ghas-somma ta' hamsa u hamsin miljun dollaru Amerikan (US$55,000,000), u dan skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ftehim inkluz l-kundizzjoni li l-bejgh ikun jista' jsir biss jekk jigi approvat minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' artikolu 358. Illi b'referenza ghall-artikolu 22 ta' dan l-imsemmi ftehim, l-istess Memorandum of Agreement jista' jkun "executed in separate counterparts" bhalma fil-fatt gara u ghaldaqstant iz-zewg counterparts qed jigu annessi u mmarkati flimkien bhala Dokument A7.

D. Illi skond l-artikolu 1 ta' dan l-istess Memorandum of Agreement, il-partijiet ftehmu illi Dr. Adrian Camilleri detentur ta' Karta ta' Identita Numru 350380M kellu jigi rrakkomandat lil dina l-Onorabbli Qorti fir-rikors ghall-bejgh approvat mill-Qorti tal-bastiment ghall-finijiet ta' artikoli 362 and 363 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet Malta.

E. Ghalhekk ir-rikorrenti noe qeda titlob ukoll lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tahtar li Dr. Adrian Camilleri bhala l-persuna li tkun intitolata tittrasferixxi l-bastiment skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti, bhallikieku kien is-sid registrat tal-bastiment, kif ukoll sabiex dan ikun intitolat jiddepozita l-prezz tal-bastiment fil-Qorti fi zmien sebat ijiem mid-data ta' meta l-bejgh jigi finalizzat.

Illi ai termini ta' artikolu 360 dan ir-rikors qed j igi notifikat lil kull min ghandu interess f'dan il-bastiment kif maghrufa lil bank rikorrenti.

Ghalhekk bl-akbar rispett u umilta lejn l-Awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti r-rikorrenti nomine titlob:

1. Illi ai termini ta' artikolu 358, il-Qorti tapprova l-bejgh privat tal-bastiment D Ladybug lis-socjeta estera White Tulip Shipping S.A. ghas-somma ta' wiehed u erbghin miljun, sitta u disghin elf, disgha mija u erbatax-il ewro (€41,096,914) u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 19 ta' Awissu 2014.

2. Illi ai termini ta' artikolu 362, il-Qorti fid-digriet ta' approvazzjoni tal-bejgh tahtar lil Dr. Adrian Camilleri detentur ta' Karta ta' Identita Numru 350380M bhala l-persuna li b'hekk tkun intitolata tittrasferixxi l-bastiment skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti u dan bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati fil-ligi partikolarment, artikoli 362 sa 364 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fin-nuqqas li Dr. Adrian Camilleri detentur ta' Karta ta' Identita Numru 350380M jigi mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti ghall-fuq imsemmija finijiet, il-Qorti tahtar persuna ohra ghall-dawk l-istess finijiet.

Rat li f'dan ir-rikors irrispondew il-vapur debitur, u tlett kredituri maghrufa;

Rat l-atti u semghet lil partijiet u d-difensuri taghhom;

Rat li l-vertenza thalliet ghal-provvediment finali.

**Ikkunsidrat**

Il-bank rikorrenti qed jipprivalixxi ruhu mill-artikolu 358 tal-Kap. 12 biex il-Qorti tapprova bejgh privat tal-vapur intimat. L-elementi necessarji biex ir-rikorrenti jutilizza dan il-provvediment tal-ligi huma:

1. Titolu ezekuttiv favur il-kreditur cioe l-bejjigh kontra d-debitur;

2. Abbozz ta' ftehim ta' bejgh ma' kumpratur identifikat bi prezz pattwit;

3. Zewg valutazzjonijiet indipendenti maghmula mill-bejjiegh dwar il-valur tal-vapur;

4. Prova mill-bejjiegh illi l-bejgh hu fl-interess tal-kredituri maghrufa u l-prezz hu ragonevoli fic-cirkostanzi.

Jidher mill-premessi tar-rikors u dokumenti in sostenn illi s-socjetajiet esteri kredituri, rapprezentati minn Dr. Ann Fenech gabu prova cara u mhux opposta illi fil-fatt ghandhom titolu ezekuttiv b'rizultat ta' assenjazzjoni ta' krediti u drittijiet ohra u konsegwenti surroga u qed jezegwixxu dan it-titolu fuq il-vapur MV D Ladybug bil-bejgh privat tieghu skond ma jitlob u jippermetti l-artikolu 358 tal-Kap. 12. Fil-fatt gie esebit kif mitlub mill-ligi, memorandum of understanding bejn ir-rikorrenti u s-socjeta estera White Tulip Shipping SA ghal bejgh lil tal-ahhar tal-istess vapur ghal prezz ta' €41,096,914 (US$55,000,000) skond l-istess memorandum datat 19 ta' Awwissu 2014 kif sussegwentement emendat. Dan il-prezz hu circa (US$1,000,000) aktar miz-zewg stimi indipendenti mressqa mill-istess rikorrenti wahda tal-Inginier Paul Cardona u s-socjeta rinomata Bancosta (Oriente) PTE Ltd bl-istess valur ta' €40,650,406.50 (US$54,000,000). Jirrizulta illi l-ewwel stima saret b'vessel inspection u t-tieni saret minghajr tali spezzjoni izda bazata fost affarijiet ohra fuq Superficial Condition inspection Report preparat minn Wallem Ship Management Limited ta' Hong Kong tas-6 ta' Mejju 2014 u bil-prezunzjoni li l-vapur hu f'kondizzjoni tajba u seaworthy.

Jirrizulta li s-socjeta rikorrenti talbet li mill-bejgh jigu eskluzi l-bunker fuels proprjeta taghha skond ftehim ta' assenjazzjni u surroga fid-drittijiet tas-socjetajiet li pprovdew dawn il-fuels tal-vapur (ara rikors a fol. 332 tal-process).

Ma jidher li saret ebda oppozizzjoni ghal din it-talba.

Kwindi din il-Qorti ma ssibx li hemm raguni ghaliex din it-talba ma tigix milqugha kemm-il darba l-bejgh jigi approvat.

Rat it-talba tad-difensur ta' Sullivan Company Limited, kreditur iehor fal-vapur sabiex il-bank rikorrent jiddikjara tezistix xi relazzjoni kummercjali bejn il-bank u l-kumpratur prospettiv. Il-bank irrisponda b'affidavit car hafna tat-12 ta' Settembru 2014 li ma tezisti ebda konnessjoni,

assocjazzjoni jew affiljazzjoni mas-socjeta kumpratrici oltre t-termini tal-memorandum of agreement ghal bejgh tal-vapur.

Din il-Qorti tqis illi l-artikolu 358 tal-Kap. 12 holoq mod ta' esekuzzjoni ta' dritt ezekuttiv li hu sui generis, u jrid jinqara u jigi interpretat fl-isfond ta' dak li tipprovdi l-ligi Maltija a rigward. Il-ligi taghti lil kwalsiasi kreditur ezekutant li jmexxi bil-bejgh ta' vapur appartenenti lid-debitur tieghu b'mod dirett minghajr ma jirrikorri ghal procedura ta' subbasta. Dan ma jfissirx, sakemm il-ligi tibqa' kif inhi, illi l-kreditur qieghed b'xi mod jabbuza mid-drittijiet tieghu moghtija bil-ligi meta jirrikorri ghal bejgh privat milli bil-bejgh fil-forma aktar pubblika jew pubblicizzata. L-opzjoni hi maghrufa u moghtija mill-ligi u dan fih innifsu ma jikkreja ebda nuqqas jew pregudizzju a priori.

Il-Qorti pero hi konxja u ghandha toqghod attenta li d-dritt moghti lil kreditur ezekutant ma jigix abbuzat jew uzat b'mod legger li bih jista jaghti lok ghal pregudizzju pruvat lil kredituri ohra tal-istess debitur jew li l-istess debitur ikun qed jigi privat mill-proprjeta tieghu bla ma jkollu opportunita li jinstema' u jressaq kull sottomissjoni relevanti ghal finijiet tal-artikolu 356 tal-Kap. 12.

Hu ghalhekk impost bhala obbligu primarju biex jirnexxi l-bejgh privat illi l-kreditur ezekutant jipprovdi zewg stimi indipendenti dwar il-valur tal-vapur skond il-fattispecie li japplikaw ghal kaz u dan sabiex jipprova zewg elementi li bihom il-Qorti trid tkun sodisfatta. L-ewwel hu illi l-valur ghandu jkun ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz u t-tieni li l-bejgh tal-bastiment hu a beneficcju tal-kredituri maghrufa. Iz-zewg elementi jimxu id f'id u l-prova tinkombi fuq il-kreditur ezekutant.

Hu minnu illi kreditur ezekutant fittex l-ewwel u qabel xejn l-interess tieghu li jigi sodisfatt il-kreditu dovut lilu in parti jew kollu. Ma jfissirx b'daqshekk illi jekk il-valur tal-vapur mhux bizzejjed biex jissodisfa l-kreditu kollu tal-kreditur ezekutant u/jew il-krediti ta' kredituri ohra maghrufa, dan wahdu ser jostakola l-bejgh. Il-ligi trid li l-bejgh ikun a beneficcju tal-kredituri maghrufa minghajr ma jirreferi ghal privileggi ta' pregradwazzjoni li jinsorgu minn krediti marittimi. Kwindi l-iskop tal-ligi hu illi in principju, minghajr ma jitqies 'ir-ranking' tal-kredituri, il-bejgh hu ta' beneficcju ghal kredituri, avolja jista' jkun li meta r-rikavat jasal biex jinqasam

mhux kull kreditur ser jiehu l-kreditu dovut lilu mir-rikavat tal-bejgh. Il-ligi kull ma tghid biss hu li l-bejgh hu a beneficcju tal-kredituri u dan b'mod generali u mkien ma trid li l-bejgh biex ikun ta' beneficcju irid bil-fors jissodisfa l-krediti kollha tal-kredituri maghrufa.

Dan iwassal ghal element essenzjali cioe li l-valur u l-bejgh prospettat li jrid jigi mgharraf lil Qorti biex tirnexxi l-procedura in kwistjoni, irid ikun tali li fic-cirkostanzi ser jivvantaggja l-kredituri huma min huma u huma kemm huma ghax hu valur ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz u illi l-istess debitur ikollu l-opportunita li jaghmel kull sottomissjonijiet lil Qorti biex juri l-kuntrarju jekk hu l-kaz. L-istess dritt ghandu jkun fakoltativ ghal kull kreditur iehor interessat fl-istess proceduri bi kreditu li jista' jintlaqat bil-bejgh tal-vapur. Dan jitfa' oneru fuq il-kreditur ezekutant ta' trasparenza fl-azzjonijiet tieghu li waslu ghat-talba.

Hu pacifiku li hafna drabi, minhabba l-ispejjez kbar li jirrizultaw minn surveys u stimi illi hu l-kreditur li aktar ghandu jiehu li jkollu l-interess u s-sahha finanzjarja li jintraprendi din it-triq. Hu l-obbligu tieghu li jipprova a sodisfazzjon tal-Qorti illi l-istimi huma ragonevoli u illi l-ftehim ta' bejgh prospettat hu vantaggjuz ghal kredituri tenut kont tal-istimi prodotti. Il-prova dwar il-validita u valur perswasiv tal-istimi hi wahda mhollija fid-diskrizzjoni tal-Qorti. Il-Qorti tqis li la darba l-kreditur ezekutant ikun ressaq stimi sostanzjati b'rapporti u surveys kredibbli ghar-ragunijiet li waslu ghall-istima, ma hemmx lok li l-Qorti titlob verifika gudizjarja b'espert nominat minnha ghax il-ligi timponi fuq il-kreditur din il-prova u salv dubbju serju dwar il-validata tal-prova l-Qorti ghandha thossha sodisfatta mill-prova. Sta ghad-debitur jew kredituri ohra li jirribattu l-provi teknici u finanzjarji dwar il-valur li jipprovaw mod iehor a sodisfazzjon tal-Qorti biex l-istess Qorti ma tapprovax il-bejgh pruvat.

Il-Qorti ma taqbilx li l-bejgh b'subbasta jaghti iktar pubblicita u kwindi aktar probabbilta ta' bejgh vantaggjuz b'diversi persuni li jippartecipaw fix-xiri tal-vapur. Il-bejgh b'subbasta fih ukoll l-incertezzi tieghu b'rizultati li jissorprendu favorevolment jew negattivament lil kredituri u kwindi ebda paragun ma jista' jittiehed.

Il-Qorti rat l-istimi pprezentati, wahda dettaljata ghall-ahhar b'ship inspection u ohra inqas dettaljata pero bazata fuq Superficial Condition Report ta' socjeta rinomata fil-qasam marittimu ta' Hong Kong.

Din il-Qorti kienet tkun propensa thares lejn din il-valutazzjoni b'cirkospezzjoni billi fil-fehma tal-Qorti, wahedha jew flimkien ma' ohra maghmula b'mod generiku ma tippruvax ir-ragonevolezza tal-istima. Pero din l-istima trid tittiehed fl-assiem mal-istima ferm dettaljata u studjata u bl-ebda mod attakkata tas-surveyors Cardona/Briffa li waslu ghall-istess stima tas-surveyors barranin mqabbda mis-socjeta rikorrenti.

Il-Qorti kienet tkun aktar sodisfatta li kieku l-istimi kollha prodotti mis-socjeta rikorrenti saru wara surveys tal-vapur innifsu pero f'dan il-kaz tenut kont tas-survey Malti u l-valur li hu rispekkjat fl-istima tas-surveyors barranin ma jhallix dubju f'mohh il-Qorti illi l-valur hu wiehed ragonevoli tenut kont tac-cirkostanzi elenkati fir-rapport tas-surveyors Cardona/Briffa u l-osservazzjonijiet li saru mis-surveyors barranin dwar il-kobor tal-vapur u l-limitazzjonijiet tal-uzu tieghu tenut kont tal ekonomija dinjija.

Gie esebit mill-garanti 'certificate of valuation' mahrug minn Trafalgar Shipping Services LLP. Din l-istima fl-ammont ta' USD64,000,000 hi ferm akbar mill-istimi prodotti mill-bank rikorrenti. Pero din il-Qorti tirrileva illi tali stima saret bla ma kien hemm 'inspection' tal-vapur, u bla verifika tal-classification records, kif del resto jissottolineaw l-istess stimaturi. Is-socjeta Trafalgar Shipping Services LLP ibbazat din l-istima fuq informazzjoni generika dwar dik li hi l-opinjoni tal-istess socjeta kemm ikun il-valur fis-suq ta' vapur simili tenut in konsiderazzjoni l-bini mill-gdid ta' vapur simili fiz-zminijiet tal-lum. Issostni wkoll li lanqas setghet tPaghmlu paragun ma' bejgh ta' vapuri simili ricentement. Hi l-fehma tal-Qorti illi din l-istima ma taghti ebda stampa remotement fattwali tas-sitwazzjoni quddiem din il-Qorti izda hi biss opinjoni akkademika u ipotetika u ma tirrispekkjax il-fattispecie attwali tal-kaz prezenti.

Ghalhekk il-Qorti tqis li ma saret ebda kontestazzjoni valida dwar dawn l-istimi mehudin flimkien u l-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ma hemm xejn li jrazzan lil Qorti li tqis li r-rikorrenti ppruvaw l-element tar-ragonevolezza tal-istimi.

Il-prezz tal-bejgh jisuppera b'miljun dollaru Amerikan l-istimi prodotti. Jista' jkun, kif argumentat, li f'bejgh b'irkant il-valur migjub jista' jkun oghla pero hu daqstant iehor argumentabbli li jista' jgib valur orhos.

Il-ligi ma timponi ebda bzonn ta' offerti fis-suq biex jingieb paragun u r-rikorrenti mhux obbligati li jaghmlu dan. Semmai sta ghal kredituri l-ohra jew id-debitur li pendenti l-proceduri li jwasslu ghal din it-talba, li jdumu xhur sa minn meta jkun hemm is-sejha ghal hlas tad-debitu, li jaghmlu l-almu taghhom li jippruvaw huma wkoll igibu stimi jew offerenti serjament interessati fl-akkwist bi prezz u kundizzjonijiet li jkunu ahjar minn dak offert mill-kreditur ezekutant. Wara kollox ghandu jkun prezunt li anki l-kreditur ezekutant ghandu interess igib l-ahjar prezz biex jigi sodisfatt il-kreditu tieghu, specjalment bhal ma hu dan il-kaz, illi l-prezz tal-bejgh ma jissodisfax anqas il-kreditu tal-kreditur ezekutant. Il-massima illi l-buona fede hi prezunta ma ghandhiex tigi skartata anqas f'dawn il-proceduri.

Lanqas ma ngiebet prova minn ebda parti interessata illi l-bejgh fih innifsu tenut kont ta' xi cirkostanzi ohra partikolari ghal kaz kien ser ikun ta' hsara ghal finijiet ta' assi, introjtu jew prospett ta' assi u introjtu disponibbli biex jigi saldat il-kreditu anki in parti, mehud b'mod generali u li tista' tinduci lil Qorti tqis illi l-bejgh ghalhekk ma kienx ser jiggova l-kredituri f'dan l-istadju.

Il-Qorti pero tikkunsidra bhala prova rilevanti d-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti f'dan l-aspett tal-vertenza billi urew illi ppruvaw jippublicizzaw il-bejgh tal-vapur lil hmistax-il operatur f'dan il-kamp ta' pure car and truck carrier, ghalkemm erbgha biss urew interess u kienet biss socjeta wahda li ghamlet offerta ta' prezz li kien oghla mill-istimi tal-bank li waslet ghal-memorandum of agreement esebit ma' dan ir-rikors.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis li ma hemmx raguni fondata ghaliex ma ghandhiex tintlaqa' t-talba ghal bejgh privat essendo l-elementi ghal tali talba gew pruvati ai fini li jrid l-artikolu 358 tal-Kap. 12.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment MV D Ladybug lis-socjeta estera White Tulip Shipping S.A. u dan bl-eskluzzjoni

mill-bejgh tal-bunker fuels li jinsabu fuq il-vapur u li huma proprjeta tal-bank rikorrenti u dan il-bejgh ghandu jsir bil-prezz ta' wiehed u erbghin miljun, sitta u disghin elf, disgha mija u erbatax-il ewro (€41,096,914), skond it-termini u kondizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 19 ta' Awwissu 2014, li hu esebit fl-atti liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12, b'dan illi din id-decizjoni ma jkollha ebda effett jekk il-ftehim ta' bejgh ma jigix konkluz entro tlett gimghat millum.

Ghal fini tat-tieni talba jekk isir il-kuntratt fiz-zmien stabbilit mill-Qorti tahtar lil avukat Dr. Adrian Camilleri sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-bastiment skond il-kondizzjonijiet fuq imsemmija fil-Memorandum of Agreement tat-19 ta' Awwissu 2014, bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikoli 363 u 364 tal-Kap. 12.

Spejjez tal-proceduri jithallsu mill-vapur intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------